# Konservazzjoni u Restawr

## *ta' żewġ pitturi tas-seklu sbatax, probabbli xogħol fil-bottega ta' Mattia Preti*

Kif diġa kien rrapurtat f'dan il-fuljett, matul is-sena li għaddiet sar xogħol ta' konservazzjoni u restawr ta' żewġ pitturi tas-seklu sbatax li skont l-esperti jaħsbu li huma tal-iskola (bottega) tal-famuż pittur Mattia Preti. Dan ix-xogħol tant delikat sar mil-magħruf Saċ. Kan. Charles Vella, Artista, Konservatur / Restawratur tal-Arti. Il-Bord Editorjali ħass li r-rapport ta' Fr. Vella għandu jkun ippubblikat biex il-poplu jagħraf aktar il-valur artistiku ta' dawn iż-żewġ kwadri li llum jinsabu wieħed f'kull naħa tal-bieb maġġur tal-knisja parrokkjali.

### *Dan hu r-rapport ta' Fr Charles Vella:*

**Deskrizzjoni ġenerali ta' dawn iż-żewġ kwadri.**

Dawn iż-żewġ pitturi huma maħduma bl-istess manjiera tas-seklu 17, jiġifieri, fuq tila maħduma minn għażel minsuġ ftit miftuħ, komposta bi preparazzjoni ta' kolla tal-annimali, ġibs, u terra tombra tagħti ftit fil-kulur tal-bolo (tafal aħmar). Għalkemm dan ma ġiex determinat b'mod xjentifiku, iżda huwa viżibli minn għajn ta' esperjenza. Fl-istess preparazzjoni tal-materjal ta' taħt il-kuluri, waqt li kien għadu frisk, jeżisti grif tal-figura, biex joħroġ id-disinn tax-xbieha. Dan l-aktar viżibli fil-figura ta' Kristu u fl-Anġlu tal-pittura li tirrapreżenta Gesu' fil-Ġetsemani. Dan ifisser li l-pittur uża kartun maqtugħ tal-figuri, li kien jirrepeti fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Din il-figura ta' Kristu, migrufa fil-kompożizzjoni materjali li tiksi t-tila minn kartun (moll) li Mattia Preti uża f'bicca xogħol tiegħu, li wieħed jista' jara fir-ritratti segwenti. Allura dawn is-sinjali migrufa huma importanti li juru li għamilhom, jew saru f'xi ħanut tax-xogħol tal-Pittur stabilit. Dawn il-kartun maqtugħ bid-disinn tal-figura, ma kienux jisselfu ħlief li jistgħu jintirtu, u jekk dawn id-disinni juru xogħol oriġinali awtentiku ta' Mattia Preti, żgur li dawn intużaw mill-alievi fil-ħanut tiegħu.



Iż-żewġ rapreżentazzjonijiet juru waħda lil San Franġisk ta' Assisi u l-oħra lil Kristu fil-Getsemani, u huma kbar madwar metru u nofs kwadru .

Dawn iż-żewġ pitturi kienu fi stat ta' konservazzjoni tal-biki, tila maqsuma u partijiet tal-pittura neqsin. Xotti għall-aħħar, tant li l-kuluri bdew isiru trab u jitfarfru kif ukoll jaqaw biċċiet bil-preparazzjoni b'kollox minn fuq it-tila. Maħmuġin suwed, li qajla wieħed seta' jara eżattament x'fihom. Kienu mitluqa mal-art fil-post ta' fejn jintrefgħu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u kienu esposti wkoll li jistgħu jinsterqu. Il-gwarniċi tagħhom huma oriġinali tipikament tas-seklu 17, fi stat ta' konservazzjoni ħażina ħafna u mimlija susa, tant li l-injam ħfief u sar qisu sufra, filwaqt li ma baqax marbut ma' xulxin. Id-deheb iswed kien maħmuġ, mimli trab u żjut tal-kittien. Kif infurmajt lill-Arċipriet bil-valur u l-istat tagħhom huwa ħa azzjoni mmedjeta u ta' emerġenza biex isalvahom.

Il-provinjenza, x'aktarx li ġew mill-knisja ta' Santa Ubaldeska, Paola, u huma propjeta tal-knisja Parrokkjali tal-istess Belt.

***Rev. Can. Charles Vella***
***Artista, Konservatur / Restawratur tal-Arti - 16ta' Frar 2011***

**Gejtu Saloon**



35, Church Street, Paola

***Jawguraw il-festa t-tajba lill-Pawlisti kollha***

**LONDON BUTCHER**
**(Prop. FRANS CASSAR)**
**2 DOCKYARD STREET, PAOLA**

*jixtieq il-FESTA T-TAJBA lill-Pawlisti kollha - VIVA KRISTU RE*

***Saliba Printing Press***
**Letterpress and Offset Printers**
Arthur Saliba
4, "Halifax", Lord Byron Street,
Hamrun - HMR 10 - Tel/Fax: 2123 8629
Est.1970